MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1557/1993/1

**Dr. Simon Micallef Stafrace bhala rapprezentant tas-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd. u din bhala agenti Malta tas-socjeta` assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha Muscats Motors Limited**

**-vs-**

**Godwin Abela u Alfred E. Aquilina ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi is-socjeta` Muscats Motors Ltd. importat gewwa Malta fuq il-vapur Auto Atlas konsenja ta’ vetturi Daihatsu (Dok. D u E);

Premess illi wara li waslet din il-merkanzija Malta fit-30 ta’ Dicembru 1992 u inhattet f’idejn is-socjeta` The Cargo Handling Company Limited il-merkanzija giet ikkonsenjata lill-assigurat ta’ l-attur bid-danni elenkati fid-Dok. A;

Premess illi ai termini tal-polza ta’ assikurazzjoni bejn l-attur *nomine* u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tal-hsarat u danni li gew lilu kawzati u b’hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet ta’ l-istess assigurat;

Premess illi l-attur *nomine* jikkwantifika dawn in-nuqqasijiet riportati fil-merkanzija ta’ l-assigurat tieghu fl-ammont ta’ tlett mija u disgha u disghin lira u tnejn u tletin centezmu (Lm399.32,0) inkluz f’din il-figura l-ammont ta’ mitejn u tnax-il lira (Lm212) bhala *survey fee*;

Premess illi l-konvenut huwa responsabbli ghal dawn id-danni;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut *nomine* responsabbli ghan-nuqqasijiet u hsarat sofferti fil-merkanzija ta’ l-assigurat ta’ l-attur *nomine*;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur *nomine* fis-somma ta’ Lm399.32,0;

3. Tikkundanna lill-konvenut *nomine* jhallas lill-attur *nomine* is-somma ta’ Lm399.32,0 bhala danni sofferti mill-attur *nomine* li ghalihom huwa responsabbli l-konvenut *nomine*;

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tal-pagament indikat fis-surroga fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi, kontra l-konvenut *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur *nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikati, u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela *nomine* illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament ghandu jigu esibit l-allegat kuntratt jew ftehim ta’ agenzija li s-socjeta` attrici qed tallega li ghandha mas-socjeta` assiguratrici estera;

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandu jigi esebit il-mod u/jew ic-cheque li bih sar il-pagament ta’ Lm187.32,0. lill-Muscats Motors Ltd., u l-polza ta’ l-assigurazzjoni relattiva;

3. Illi di piu fil-meritu l-importatur nnifsu ffirma l-Gate Pass Out tramite r-rapprezentant tieghu fejn huwa ddikjara li rcieva l-merkanzija “in good order and condition” bla ma ghamel jew insista ghall-ebda rimarka dwar l-istess u ai termini tas-sentenza datata 19 t’Awissu, 1992 fl-ismijiet Reginald Micallef vs James Gollcher u Karl Gollcher u Godwin Abela u John Cavallo (Citaz. Nru. 1103/86) Qorti ta’ l-Appell, is-socjeta` konvenuta m‘hijiex risponsabbli ghall-allegati hsarat;

4. Illi fir-raba’ lok u bla pregudizzju ghall premess l-ammont huwa ghal kollox esagerat stante li l-amont ta’ Lm212.00.0. bhala *survey fees* saru propju mis-socjeta` attrici propju u m’hemm ebda surroga ghar-rigward ta’ l-istess u dana skond sentenza datata 6 t’April, 1993, fil-Qorti ta’ l-Appell Sede Kummercjali fl-ismijiet Dr. Robert Staines u Walter Camilleri vs Chev. Silvio Mifsud u Godwin Abela u John Cavallo (Citaz. Nru. 112/86);

5. Illi apparti l-premess, u bla pregudizzju ghall-istess dak li huwa deskritt *bhala survey fees* u fic-citazzjoni f’dik *is-*

*small claim information form* huwa bhala "*agency fees*" f'Dok A u bhala spejjez *proprio* tas-socjeta` attrici ma jistghux jigu riklamati kontra l-esponenti *nomine* li mieghu l-esponenti *nomine* m'ghandu ebda relazzjoni giuridika u dan ai termini tas-sentenza gia citata;

6. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu rispinti bl-ispejjez kontra l-attur *nomine*;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat ukoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Godwin Abela *et nomine*:-

1. Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia sollevati, din il-Qorti hija inkompetenti *ratione valores* stante li d-danni allegatament sofferti jammontaw anqas minn Lm250 u dan peress (a) li s-*survey fees* m'humiex danni apparti li huma esagerati, (b) *tali survey fees* is-socjeta` attrici m'ghandhiex dritt ghalihom stante li lanqas tezisti surroga dwar l-istess;

2. Illi di piu l-esponenti jirreferu ghall-Artikolu 90 u Schedule 13 tal-Port Regulations ta' l-1996, l-importatatur jaf li tali merkanzija tinhazen "*in the open and always at the sole risk of the owner*" u ghalhekk is-socjeta` konvenuta mhix responsabbli;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-noti pprezentati mill-abbli difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Bl-azzjoni proposta minnha s-socjeta` assiguratrici, hekk surrogata fid-drittijiet ta' l-importatur, assigurat taghha, qed tippretendi minghand is-socjeta` konvenuta, kuntrattur portwali, rimbors ta' l-ammont tal-*claim* imhallas ghan-nuqqasijiet riskontrati fil-merce importata, u *survey fees* inkorsi biex gew stabbiliti n-nuqqasijiet;

In via ordinarja (fol. 28) jew ulterjuri (fol. 33) it-talbiet attrici gew mill-konvenuti *nomine* kontestati b'dawn l-eccezzjonijiet ta' sustanza:-

I. L-inkompetenza *ratione valoris* ghar-raguni illi meta tiddeduci l-ammont ghas-*survey fees* mis-somma totali pretiza, dak li jibqa' hu nferjuri ghall-ammont li, fl-istat tal-ligi kif kienet dakinhar (1993), kien mehtieg biex jeradika l-kompetenza bazata fuq il-valur;

II. Il-vetturi importati kienu magazzinati "*in the open and always at the sole risk of the owner*" (Artikolu 90 - Schedule 13 tal-Port Regulations, 1966). Dan kien jiskulpahom minn kull responsabilita`;

III. Il-"Gate Pass Out", bid-dikjarazzjoni fuqha tar-rapprezentant ta' l-istess importatur, tistabbilixxi u tikkonferma illi l-vetturi gew konsenjati bla ebda rimarki u ghalhekk "*in good order and condition*";

IV. L-ammont tas-*survey fees* hu wiehed esagerat u f'kull kaz ma setghux jigu reklamati;

Ikun opportun illi qabel ma jigu investigati dawn l-eccezzjonijiet jigu senjalati l-aspetti l-aktar rigwardevoli mill-provi:-

(a) Is-socjeta` Muscats Motors Limited importat bil-bahar, skond zewg poloz tal-kariku, (fol. 16 u 17) tlieta u hamsin (53) vettura tal-marka "Daihatsu";

(b) Meta dan l-importatur inghata r-rilaxx taghhom mill-Cargo Handling Company Limited instabu nuqqasijiet

f'uhud minnhom. Liema nuqqasijiet huma ahjar elenkati fid-dokument esebit a fol. 7 tal-process (ripetut a fol. 50). Ara deposizzjoni ta' Joseph Catania (fol. 44);

(c) Dan hu hekk ukoll konfermat mis-suveyor John Borg Bellanti fl-Affidavit tieghu a fol 42 tal-process. Bhala rapprezentant tas-socjeta` assiguratrici huwa jkun ezamina l-vetturi waqt ir-rilaxx sabiex, fi kliemu stess, "inkunu nistghu nikkonfermaw liema minnhom ghandhom danni u/jew nuqqasijiet";

(d) Ix-xhud Sandro Bugeja impjegat ta' Muscat Motors minn naha tieghu rrileva l-problema li l-importatur kien ikollu mas-socjeta` konvenuta f'dawk iz-zminijiet u dan ghaliex din ma kienitx tkun trid tnizzel ebda rimarki dwar l-istat tal-vetturi fuq il-Gate Pass Out. Huwa hekk jispjega: "... jien kien ikolli niffirma il-Gate Pass Out billi minghajru l-vetturi ma kienux johorgu minn taht idejn il-Cargo Handling" (Affidavit, fol. 58). Dan "nonostante il-fatt reali li kien hemm danni u/jew nuqqasijiet" (deposizzjoni ta' John Borg Bellanti);

(e) Minn naha taghha bix-xhieda ta' Peter Bonello (fol. 63) is-socjeta` konvenuta illimitat ruhha biex tikkonferma l-Gate Pass Out;

Bhal ma ghamlu f'bosta kawzi ohra l-konvenuti *nomine* strahu ghal kollox fuq dan id-dokument portwali billi dan, skond huma, kien jaghti risalt u kredibilita` lill-posizzjoni taghhom. Anke ghaliex fuqu kien hemm il-firma tar-rapprezentant ta' l-importatur u allura, huma jsostnu li dan bhal speci kien aktar jenfasizza l-attendibilita` tal-Gate Pass Out minnhom rilaxxjat;

Issa l-gurisprudenza taghna fi skorta ta' decizjonijiet iddefinit x'valur probatorju kellu jinghata lil dan id-dokument portwali. "Gurisprudenza, li, fil-verita`, iddghajjef l-attendibilita` u l-kredibilita` tal-'gate pass out' meta dan jigi rilaxxjat 'clean' proprju ghaliex il-gudikant ikun gustifikat illi jiskartah jekk tirrizultalu l-prova certa li l-kontenut tieghu ma jistax ikun veritjier" - "**Dr. Simon**

**Micallef Stafrace *nomine* -vs- Godwin Abela et *nomine***", Appell, 6 ta' Ottubru 2000;

Huwa minnu li r-rapprezentant ta' l-importatur iffirma l-Gate Pass Out u li allura dan kien ifisser li qed jaccetta l-vetturi bla rimarki ulterjuri. Kontra din il-presunzjoni krejata b'dan id-dokument hemm fil-kaz in ezami ix-xhieda ta' Joseph Catania li vverifika l-kondizzjoni tal-vetturi fil-mument tar-rilaxx, kif ukoll is-*survey* kondott ukoll f'dak il-mument. Dawn jibbastaw biex iwaqqghu l-presunzjoni *juris tantum* tal-Gate Pass Out;

Meta l-konvenuti *nomine* naqsu li jipproducu xhieda biex jghidu min minn naha tal-Cargo Handling ivverifika l-kondizzjoni tal-vetturi, ma kienx, imbaghad, bizzejjed biex isostnu l-forza probatorja tal-Gate Pass Out illi jipproducu ufficjali fil-persuna ta' Peter Bonello biex sempliciment jikkonferma dan id-dokument, meta hu ma kien immiskja ruhu xejn fl-operazzjoni tar-rilaxx;

Hemm imbaghad raguni ohra, senjalta ukoll mix-xhieda f'din il-kawza, ghaliex il-Gate Pass Out kellu jigi skreditat. "Dana ghar-raguni ben nota u ormai ben stabbilita` li, f'dak iz-zmien, insistenza ta' dik ix-xorta da parte ta' l-importatur kienet tfisser iz-zamma tal-merkanzija f'idejn is-socjeta` appellanti (Cargo Handling) u dewmien ordinat fir-rilaxx taghha, bi pregudizzju gravi finanzjarju ghall-istess importatur. Sistemi dawn portwali li hu ormai ben maghruf li kienu jezistu fiz-zmien rilevanti, u li una volta jigi stabbilit li gew adoperati kienu ghal kollox jinnewtralizzaw il-valur probatorju tal-Gate Pass Out bhala dokument portwali affidabbli" - "**Avukat Dottor Robert Staines *nomine* -vs- James Gollcher et *nomine***", 30 ta' Marzu 2001. Fl-istess sens d-decizjoni fl-ismijiet "**Noel Ellul *nomine* -vs- Joseph Apps *nomine* et**", Appell, 9 ta' Frar 2001;

Jekk f'numru ta' decizjonijiet il-Qrati taghna affermaw illi l-iskop importanti tal-Gate Pass Out hu dak li jiccertifika *a tempo debito* l-istat tal-merkanzija meta tkun fl-istadju tar-

rilaxx, daqstant iehor gie ritenut illi din il-prova tal-kontenut tieghu tibqa' hekk valida sakemm ma tigix pozitivament oppunjata u zmentita` permezz ta' provi ohra li tqieghed fid-dubju l-forza probatorja ta' dan id-dokument. Kif, gja inghad, fost dawn il-provi l-ohra hemm is-*survey* li saret waqt li l-vetturi kienu ghdhom fil-pussess ta' l-istess Cargo Handling Company Limited ("**Leslie Causon noe -vs- James Gustaf Gollcher noe**", Appell, 30 ta' Marzu 2001). Liema *survey* jiskredita ghalhekk il-klawsola stampata fuq il-Gate Pass Out li tghid li l-vetturi gew konsenjati '*in good order and condition*' ("**Leslie Causon noe -vs- The Cargo Handlong Co. Ltd**", Appell, 19 ta' Mejju 2000);

Konsegwentement din l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta qed tigi respinta;

Dwar l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati dawn tista' tghid kollha gew trattati f'cirkostanzi identici ghal dak *de quo*. ("**Dr. Simon Micallef Stafrace noe -vs- James Gollcher et noe**, Appell, 9 ta' Frar 2001). Fost dawn l-eccezzjonijiet hemm dik fejn saret referenza espressa ghall-Artikolu 90 tal-Port Regulations 1966. Fuq din il-materja din il-Qorti gja inoltrat ruhha fuq it-tifsira tal-klawsola ta' ezoneru "*in the open and always at the sole risk of the owner*" - fil-kawza deciza wkoll illum per Citazzjoni Numru 105/1993 ghal liema taghmel riferenza;

Tista' forsi zzid din l-osservazzjoni. "Id-duttrina in materja turi li mhux il-klawsoli kollha ta' ezoneru huma leciti, u ma jistghu qatt ikunu leciti sal-punt li bihom ikun hemm dik li tissejjah '*assicurazione delle colpe proprie'*. Kwindi l-kliem '*per loro conto, rischio e spese'* jiswew bhala ezoneru, imma mhux sal-punt li jeskludu l-htija" - "**Paul Camilleri et -vs- Paolo Mifsud et**", Appell Kummercjali, 8 ta' Marzu 1957, Vol. XLI P I p 616; "**Walter Bonello -vs- Carmelo Caruana**", Appell Kummercjali, 8 ta' Novembru 1968;

Konsegwentement anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda;

Kwantu ghall-eccezzjoni ohra bazika tal-konvenuti *nomine* u cioe` dik dwar in-nuqqas ta' kompetenza tal-Qorti minhabba l-valur, hawn ukoll din l-eccezzjoni ma hiex sostenibbli ghal zewg konsiderazzjonijiet:

(i) L-Artikolu 748 tal-Kap. 12 li expressis jistipula illi l-valur ta' l-oggett fil-kawza hu determinat mit-talba meta skond is-subinciz (a) din hija ghal hlas ta' somma determinata;

(ii) F'bosta decizjonijiet il-Qorti ikkonsidraw is-*survey fees* bhala spiza accessorja u necessarja inkorsi biex jigu stabbiliti d-danni reklamati u "ghalhekk kellhom huma stess jitqiesu bhala danni rizarcibbli minn min kien tenut responsabbli ghall-hlas taghhom" - "**Avv. Dottor Robert Staines noe -vs- James Gollcher et noe et**", Appell, 30 ta' Marzu 2001;

B'danakollu, cionostante s-suespost li kellu l-iskop uniku biex tinghata twegiba lil punt procedurali sollevat ta' l-inkompetenza, ma jidhirx illi l-attur *nomine* hu gustifikat li jirreklama l-ammont kollu mitlub f'*survey fees*. Dan qed jinghad in kwantu jekk in-nuqqasijiet riskontrati kienu limitati ghal hdax (11) biss (Ara Dokument a fol. 7) minn tlieta u hamsin (53) vettura, ma kellhiex ghalhekk imbaghad is-socjeta` attrici tippretendi l-ammont kalkolat bl-erba' liri (Lm4) il-wahda ghan-numru kollu tal-vetturi. Dejjem fl-istess decizjoni appena citata gie rilevat illi "kienu biss dawk is-*survey fees* li kienu mehtiega biex jigu stabbiliti d-danni pretizi li setghu jigu reklamati". L-ammont tas-*survey fees* allura reklamati qed jigi ridott ghal erba' u erbghin lira Maltija (Lm44).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici izda limitatament ghas-somma ta' mitejn u wiehed u tletin lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm231.32,0) kwantu ghal mija u sebgha u tmenin lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm187.32,0) danni fil-vetturi u kwantu ghal erbgha u erbghin lira Maltija (Lm44) bhala *survey fees*;

Tikkundanna lill-konvenuti *nomine* jhallsu l-ammont stabbilit lis-socjeta` assiguratrici attrici, bl-imghaxijiet legali jibdew jghaddu mid-data tan-notifika tac-citazzjoni fuq l-ammont ta' mija u sebgha u tmenin lira Maltija u tnejn u tletin centezmu u bl-imghaxijiet mil-lum fuq l-ammont ta' erba' u erbghin lira Maltija (Lm44).

L-ispejjez ta' din il-kawza in raguni tas-suespost ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti.

(ft) Philip Sciberras

___________________________

Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

_________________________

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur